*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,574, 22 ta' April, 1986*
*Taqsima A*

# MALTA

## ATT Nru. XV ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija.**

## ACT No. XV of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Police Licences Act, 1949.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)**

AGATHA BARBARA
**President**

22 ta' April, 1986

## ATT Nru. XV ta' l-1986

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Att XXXIV ta' l-1949

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1949 dwar il-Liċenzi tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1986.

Żieda ta' artikolu ġdid ma' l-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Jitħallas dritt addizzjonali f'ċerti każijiet.

4. Meta taħt xi regolament magħmul bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att liċenza biex tinsaq vettura bil-mutur tinħareġ jew tiġġedded għal żmien ta' iktar minn sena kalendarja, u matul iż-żmien li għalih dik il-liċenza tkun inħarġet jew iġġeddet, id-dritt li jitħallas għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' dik il-liċenza jiżdied, f'dak il-każ, minkejja l-ħlas ta' xi dritt fiż-żmien tal-ħruġ jew tat-tiġdid ta' dik il-liċenza, għandha titħallas lill-Kummissarju tal-Pulizija d-differenza bejn l-ammont imħallas mal-ħruġ jew mat-tiġdid tal-liċenza u r-rata l-ġdida tad-dritt li għandu jitħallas, u kemm-il darba dik id-differenza ma titħallasx dik il-liċenza ma titqiesx li ġiet imġedda.".

Dispożizzjoni transitorja.

**3.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom dwar liċenza biex tinsaq vettura bil-mutur maħruġa jew imġedda qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għal żmien ta' aktar minn sena kalendarja, japplikaw biss għal xi żieda fid-dritt għall-ħruġ jew tiġdid ta' dik il-liċenza li ssir wara li jkun għadda ż-żmien li għalih dik il-liċenza tkun hekk ġiet imġedda qabel l-1 ta' Jannar, 1986.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 337 tas-16 ta' April, 1986.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

22nd April, 1986

# ACT No. XV of 1986

*AN ACT further to amend the Police Licences Act, 1949.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement. Act XXXIV of 1949

**1.** (1) This Act may be cited as the Police Licences (Amendment) Act, 1986, and shall be read and construed as one with the Police Licences Act, 1949, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall be deemed to have come into force on the 1st January, 1986.

Addition of new section to the principal Act.

**2.** Immediately after section 3 of the principal Act there shall be added the following new section:

"Additional fee due in certain cases.

4. Where under any regulation made in virtue of section 3 of this Act a licence to drive a motor vehicle is issued or renewed for a period of more than one calendar year, and during the period for which such licence has been issued or renewed, the fee payable for the issue or renewal of such licence is increased, then, notwithstanding the payment of any fee at the time of the issue or renewal of such licence, there shall be paid to the Commissioner of Police the difference between the amount paid on the issue or renewal of the licence and the new rate of fee payable, and unless that difference is paid such licence shall be deemed not to be renewed.".

Transitory provision.

**3.** The provisions of this Act shall in relation to a licence to drive a motor vehicle, issued or renewed before the coming into force of this Act for a period of more than one calendar year, only apply to any increase in the fee for the issue or renewal of such licence occuring after the lapse of the period for which such licence has been so issued or renewed before the 1st January, 1986.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 337 of the 16th April, 1986.

DANIEL MICALLEF
*Speaker*

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Taghrif — Kastilja — *Published by the Information Division — Kastilja*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*